MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 719/2005

**Talba Nru: 719/05PBC**

**Joseph Vella (I.D. No. 188143M)**

**Vs**

**Larissa D'Agata nee Jonk u Rausi Insurance Agency Limited u b'digriet tat-Tribunal tas-7 ta' Dicembru, 2006 gie kjamat fil-kawza Simon Attard (I.D. No. 281782M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` mitejn u tmienja u disghin lira Maltin (Lm298) rapprezentanti danni minnu sofferti fil-vettura proprjeta` tieghu tal-marka Morris Marina

bin-numru ta` registrazzjoni KAO 985 u dan meta f’incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta` Marzu, 2003 il-mutur tal-marka Honda bin-numru ta` registrazzjoni YES 011 misjuqa minn Franco Marco D’Agata, llum mejjet, habat fil-vettura ta` l-attur u dan prevja d-dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza u nuqqas ta` osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta` Franco Marco D’Agata. Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra interpellatorja datata 4 ta` Dicembru, 2003 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta ta` Rausi Insurance Agency Limited li biha eccepiet li m’ghandhiex relazzjoni guridika ma` l-attur. Eccepiet ulterjorment il-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16.

Ra r-Risposta ta` Larissa D’Agata nee Jonk li biha wiegbet li m’hijiex l-eredi legali ta` Franco Marco D’Agata. Illi minghajr pregudizzju ghal dak gja` eccepit, l-azzjoni ta` l-attur hija preskritta a tenur ta` l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta. Illi inoltre, l-konvenuta ma kienet bl-ebda mod involuta fl-incident mertu tal-kawza.

Ra d-digriet tas-7 ta` Dicembru, 2006 li bih gie msejjah fil-kawza Simon Attard.

Ra r-Risposta ta` Simon Attard (fol 87) li biha wiegeb illi huwa mhux responsabbli ghad-danni kkagunati fuq il-vettura Morris Marina bin-numru ta` registrazzjoni KAO 985 proprjeta` ta` l-attur peress illi l-incident li sehh nhar it-22 ta` Marzu, 2003 mertu ta` din il-kawza, gara unikament minhabba negligenza u nuqqas ta` osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta` Marco D’Agata, llum mejjet, u dan kif ser jigi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza in kwistjoni. Illi ghaldaqstant il-kjamat in kawza ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.
Sema` x-xhieda ta` Joseph Vella, PS 1492 Joseph Pace, Simon Attard u ta` Dr Simon Micallef Stafrace.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fit-22 ta` Marzu, 2003 Charles Peter Stroud kien qed jaghmilha ta` *producer* biex jittiehed filmat. Il-filmat kellu jkun ta` tlett muturi qeghdin isuqu fit-triq u fil-fatt it-triq in kwistjoni kienet dik il-parti ta` St Andrew's Road li tigi bejn it-traffic lights li jaghtu ghal Pembroke u l-Luxol Football Ground. Il-muturi kellhom jitilghu St Andrew's Road u jiksru ghal gewwa l-Luxol Parade Ground u l-filmat jittiehed f'dan is-sens.

Simon Attard kien qed isuq mutur ta` quddiem, warajh kien hemm Franco Marco D'Agata u warajhom Julian Duncan Tabone.

Mill-provi jidher car illi kien intiz illi l-filmat ikun bhal li kieku dawn il-muturi jkunu qeghdin itellqu.

Ghalkemm Simon Attard ipprova jaghti l-impressjoni li ma kienx hemm *speed* involut, it-Tribunal huwa sodisfatt illi, kif jirrizulta mill-inkjesta u kif anki kkonkluda l-Magistrat inkwirenti, z-zewg vetturi misjuqin minn Attard u D'Agata kienu ghaddejjin b'certu velocita` u dan anki johrog mill-fatt illi hemm sittin metru *brake marks* apparti illi l-vettura tad-*decujus* spiccat distanza sew minfejn spicca l-katavru ta` l-imsemmi D'Agata.
Jirrizulta mill-provi illi Simon Attard kien tiela` u pjuttost kien qed izomm fuq in-naha ta` barra ta` serbut karozzi li kien tiela` fl-istess direzzjoni u warajh kien hemm il-vettura ta` D'Agata. Hin minnhom D'Agata accellera u z-zewg vetturi gew magenb xulxin pero` gara illi z-zewg muturi habtu ma` xulxin jigifieri gew *tyre* ma` *tyre* u z-zewg sewwieqa nbesqu minn fuq il-muturi taghhom. Iz-zewg muturi baqghu mexjin 'il quddiem minghajr driver. D'Agata, wara li mbesaq minn fuq il-mutur tieghu baqa` jitkaxkar fit-triq izda mbaghad laqat karozza li kienet gejja fid-direzzjoni opposta misjuqa minn Edward Joseph Blockstock. L-imsemmi Blockstock innota l-incident u gibed lejn ix-xellug u waqaf u fil-mument li kien wieqaf D'Agata nnifsu baqa` diehel gol-vettura tieghu u laqat il-karozza fuq il-*mudguard* fin-naha tal-lemin taghha.

B’rizultat ta` l-impatt l-imsemmi D’Agata sofra griehi fatali f’rasu u miet fuq il-post.

Il-vettura misjuqa mill-attur kienet il-karozza ta` wara dik ta` Blockstock u jirrizulta mill-provi illi din il-vettura ntlaqtet mill-vettura misjuqa minn D’Agata.

Jirrizulta wkoll mill-provi illi sabiex isir dan l-*stunt*, l-imsemmi Stroud m’ottjena l-ebda permess tal-Pulizija u lanqas ma kien hemm xi tentattivi sabiex it-traffiku jinzamm jew biex b’xi mod jigi kkontrollat.

L-imsemmi Charles Peter Stroud li kien id-direttur responsabbli ghall-filmat u ghall-operazzjoni in kwistjoni m’huwiex parti f’din il-kawza u ghalkemm dan it-Tribunal m’ghandux dubju dwar in-negligenza residwa tieghu ghall-akkadut, dan it-Tribunal ma jistax jippronunzja ruhu fir-rigward tieghu.

Illi inoltre, t-Tribunal huwa tal-fehma illi r-responsabbilta` principali tal-kollizjoni hija minhabba s-sewqan ta` l-imsemmi D’Agata li ghal raguni mhux spjegata pprova jaghmel manuvra ta` surpass biex jaqbez lill-imsemmi Attard meta fil-fatt il-pjan kien illi dawn iz-zewg muturi jkunu mexjin wara xulxin u b’rizultat ta` dan il-process, il-mutur tieghu laqat dik ta` Attard u b’hekk iz-zewg sewwieqa tilfu l-kontroll tal-muturi.  Jidher car illi D’Agata ghamel manuvra ta` surpass u li dan sar b’mod inkonsult.

It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi qabel ma sar dan l-*stunt*, fl-ebda hin ma l-partijiet ipprova jaghmlu *trial run* forsi b’velocita` daqsxejn anqas u jaraw kif imorru.  Il-fatt illi ma kien hemm l-ebda kontrolli tat-traffiku u wisq anqas ma kien hemm xi *paramedics on the spot* li jaghtu l-ghajnuna f’kaz ta` incident juri b’mod lampanti l-irresponsabbilta` ta` min kien qed jorganizza tali avveniment.

Illi fid-dawl tal-premess pero`, t-Tribunal jidhirlu illi l-kjamat in kawza Simon Attard bl-ebda mod m’ghandu jinstab responsabbli ghall-akkadut billi ma jidhirx li hu ghamel xi manuvra sewqan li kienet skonsiljata apparti l-fatt illi huwa

ha sehem fi *stunt* li fih innifsu kien perikoluz, pero` certament ma jistax jinghad illi l-kawza prossima ta` l-incident hija mputabbli ghalik. Jidher car li l-incident sehh minhabba li D'Agata laqat il-vettura ta` Attard u mhux *vice versa*. Ghalhekk it-talba kif diretta fil-konfront ta` Attard ghandha tigi michuda.

Illi ghar-rigward tal-konvenuta Larissa D'Agata, jirrizulta mill-provi illi permezz ta` sentenza tal-Prim` Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta` Novembru, 2001 hija giet legalment separata minn ma` l-imsemmi Franco Marco D'Agata u inoltre, skond ir-ricerki testamentarji jidher li l-imsemmi D'Agata miet minghajr m'ghamel dispozizzjoni testamentarja u konsegwentement l-eccezzjoni taghha ghandha tigi milqugha u t-talba kif dedotta fil-konfront taghha ghandha tigi michuda. Hija m'hijiex il-legittimu kontradittrici u ghandha tigi lliberata mill-osservanza u li ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jidhol fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnha sollevata.

Illi ghar-rigward ta` Rausi Insurance Agency Limited, mir-rapport tal-Pulizija a fol 20 tal-process jirrizulta li din kienet l-assigurazzjoni li kopriet lil D'Agata. Din hija l-unika prova li tressqet u fuq din il-bazi t-Tribunal huwa tal-fehma li jirrizulta ppruvat li taht dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li dina l-kumpanija m'ghandhiex interess guridiku u konsegwentement l-ewwel eccezzjoni taghha qed tigi michuda.

Illi inoltre, s-socjeta` Rausi Insurance Agency Limited qajmet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta` l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta. Il-kawza giet istitwita fit-22 ta` Marzu, 2005 u l-incident sehh fit-22 ta` Marzu, 2003. L-abbli avukat difensur ta` l-agenzija assigurattiva ghamel referenza ghall-kawza **'Ignatius Busuttil Vs Water Services Corporation' Appell Civili numru 2761/2002 tat-12 ta` Jannar, 2005**. Skond din is-sentenza:
"F'materja ta` preskrizzjoni illi t-terminu ta` preskrizzjoni tad-dritt ghal rizarciment tal-hsara minhabba f'att illecitu jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghruf.

……” “Ghal kull buon fini, l-Qorti tqis li hi proprju l-imsemmija data li fiha twieldet l-obbligazzjoni li ssemmi d-duttrina (ara Laurent Principio di Diritto Civile Vol XXXII para. 16) u li jrid bhala bidu tat-tluq taz-zmien preskrittiv fl-Artikolu 2137, Kodici Civili”.

Illi l-incident in kwistjoni sehh fit-22 ta` Marzu, 2003 liema gurnata kienet is-Sibt u dan ghall-habta tat-tlieta ta` wara nofsinhar u ghalhekk fil-mument meta sehhet il-kollizjoni r-Registru tal-Qorti kien maghluq.

Skond l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili jinghad hekk:

“Bla hsara ta` dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, l-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta` l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.”

Inoltre, l-Artikolu 2138 tghid illi l-preskrizzjoni titqies bi granet shah u mhux bis-sighat u inoltre, taht l-Artikolu 2139 (2), il-preskrizzjoni taghlaq minnufih li jghaddi l-ahhar jum taz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni u jekk l-ahhar jum ikun is-Sibt jew btala pubblika, l-preskrizzjoni taghlaq malli jghaddi l-ewwel jum ta` wara li ma jkunx is-Sibt jew btala pubblika.

Il-gurnata tat-22 ta` Marzu, 2005 cjoe` d-data meta kienet intavolata l-kawza kienet il-gurnata tat-Tlieta u ghalhekk ma japplikax fir-rigward tal-kawza odjerna dak li hemm dispost fl-Artikolu 2139 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi abbinat ma` dawn il-principji, t-Tribunal jaghmel referenza ghall-Artikolu 102 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta li jiddisponi meta z-zmien legali jew gudizzjarju ghandu jibda jghodd minn gurnata stabbilita, dik il-gurnata ma tinghaddx bhala mdahhla f’dak iz-zmien u b’hekk abbraccat il-principju *dies a quo non computatur termine*.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, it-Tribunal huwa tal-fehma illi, kontrarjament ghall-impressjoni li wiehed forsi jiehu mill-imsemmija sentenza citata z-zmien preskrittiv

jitqies bil-granet, dakinhar ta` l-incident m'ghandux jinghad ghall-fini ta` komputazzjoni tat-terminu necessarju ghall-preskrizzjoni.

Illi ghalhekk wiehed ghandu jibda jghodd iz-zmien mit-23 ta` Marzu, 2003 u ghalhekk stante li t-terminu tal-preskrizzjoni sollevata hija dik ta` sentejn, dawn is-sentejn ghalqu fit-22 ta` Marzu, 2005 cjoe` proprju dakinhar li giet intavolata l-kawza u konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qeghda tigi michuda.

Illi galadarba li qed jigi ritenut li l-assigurat tas-socjeta` Rausi kien responsabbili ghall-incident, hija din l-kumpanija li ghandha taghmel tajjeb ghad-danni mitluba.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jillibera lill- konvenuta Larissa D'Agata nee Jonk mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur, jichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza u jilqa` t-talbiet attrici fil-konfront tal-kumpanija Rausi Insurance Agency Limited u jikkundannaha sabiex thallas lill-attur is-somma ta` mitejn u tmienja u disghin lira Maltin (Lm298) bl-interessi mid-data tal-prezentata ta` l-Avviz.  L-ispejjez, salv dawk gja` decizi, huma a karigu ta` Rausi Insurance Agency Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------